7 ta' April, 1951.
Imħallef:
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
**Il-Pulizija** *versus* **Carmel Borg Bonaci**

**Appell — Sentenza — Nuqqas ta' Dispożittiv.**

***Fuq motivazzjonijiet biss ma jistax ikun hemm appell, avvolja mill-motivazzjonijiet tas-sentenza jkun jidher li l-ħsieb tal-Maġistrat kien dak li jillibera lill-imputat minn akkuża miġjuba fit-taħrika, u anki jkun donnu jidher li l-Maġistrat kien jirritjeni illi l-fatt attribwit lill-imputat f'dik l-akkuża ma jikkostitwix ir-reat attribwit b'dik l-akkuża. Għax ma jistax ikun hemm appell da parti ta' l-Attorney General jekk fis-sentenza ma jkunx hemm dispożitiv fis-sens ta' liberazzjoni ta' l-imputat.***

Il-Qorti. — Fuq l-akkuża tal-Pulizija kontra l-imputat talli l-Ħamrun, bħala sid il-post għall-ħdim tal-ħelu, fit-28 ta' Novembru 1950 u qabel, żamm l-impjegati tiegħu Giuseppe Taliana u Carmelo Briffa jaħdmu għal perijodu itwal minn disa' siegħat, u b'kollox għal iżjed minn erbgħa u ħamsin siegħa matul il-ġimgħa, naqas li jagħti ġurnata mistrieħ nhar ta' Ħadd jew matul il-ġimgħa lil Giuseppe Taliana, u barra minn dan ma żammx ir-reġistru preskritt, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, b'sen-

tenza tas-16 ta' Jannar 1951, wara li rat l-art. 4 (b) u 13 ta' l-Order VII ta' l-1939 (Employment of Shops Ord. Chapter 149), u l-art. 3 (1) u 5 (1) Ordinanza V ta' l-1938, Chap. 149, sabet lill-imputat ħati illi ma tax ġurnata sħiħa frank lill-ħaddiema u li ma kellux reġistru, u kkundannatu l'ra ammenda għall-ewwel akkuża u nofs lira ammenda għattieni akkuża;

L-Attorney General appella quddiem din il-Qorti rigward l-akkuża li l-imputat ħaddem lil żewġ impjegati għal iżjed minn disa' siegħat u għal iżjed minn erba' u ħamsin siegħa matul il-ġimgħa;

Il-Qorti semgħet mill-ġdid il-provi.................;

Il-Qorti qabel xejn tirrileva li fis-sentenża appellata ma hemmx dispożitiv dwar l-akkuża li fuqha sar l-appell, iżda hemm biss motivazzjoni li minnha jidher li dik il-Qorti kienet tirritjeni li ma kienx jirriżulta soddisfaċentement li l-akkużat ħaddem iżjed minn erba' u ħamsin siegħa fil-ġimgħa, u bil-kliem susseġwenti dik il-Qorti donnha riedet tgħid li ma kienx ikun hemm ksur tal-liġi jekk wieħed iħaddem iżjed minn disa' siegħat kuljum, purkè f'ġimgħa ma jeċċedix erbgħa u ħamsin siegħa. B'dana kollu, dik il-Qorti fis-sentenza ma lliberatx lill-akkużat minn dik l-akkuża; u r-riferenza li fis-sentenza saret għall-ewwel akkuża fil-kundanna evidentement tirrigwarda mhux l-ewwel akkuża dedotta fit-taħrika, iżda l-ewwel fost it-tnejn li fuqhom dik il-Qorti sabet lill-akkużat ħati. Il-motivazzjoni turi li kien il-ħsieb ta' l-Ewwel Qorti li tillibera lill-imputat fuq l-ewwel akkuża; iżda l-motivazzjoni ma tammontax għal dispożitiv ta' sentenza u għal liberazzjoni. U ladarba fuq dak il-kap ma teżistix sal-lum is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, ma hemmx lok ta' l-appell ta' l-Attorney General; għax fuq motivazzjoni biss ma jistax ikun hemm appell;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddikjara irritu u inattendibili l-appell interpost mill-Attorney General.